C/2025/4400

1.8.2025

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-29 ta' Lulju 2025

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank

(BĊE/2025/27)

(C/2025/4400)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tad-De Nederlandsche Bank, KPMG Accountants N.V., se jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2025. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2026.

(3) De Nederlandsche Bank għażel lil EY Accountants B.V. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2026 sa 2032,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li EY Accountants B.V. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2026 sa 2032.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta' Lulju 2025.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE